**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 60/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Stephen Bonsfield**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Stephen Bonsfield, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 42069M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Novembru, 2014, u fil-jiem ta' qabel:

1. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2019, fejn wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva u multa fis-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' tlett mija u zewg ewro u wiehed u sittin centezmu (€302.61), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31, ordnat il-konfiska tal-flus kontanti fis-somma ta' elf ewro

(€1,000) esebita bhala parti minn Dokument GM 2 favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt illi ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125), ukoll formanti parti minn Dokument GM 2, favur il-hati.

Ordnat ukoll ir-rilaxx tal-mobile phone u pocket iswed esebiti bhala Dokument GM 3 favur il-hati.

Ordnat id-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab esebita bhala Dokument GM 1 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax –il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Bonsfield, ipprezentat fl-14 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sens li din ghandha tigi kkonfermata in kwantu sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda ghandha tigi revokata in kwantu din ikkundannatu ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija u ghal multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800); u in oltre tikkonfermaha ghall-kumplament taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' ghoxrin xahar prigunerija u multa ta' 1800 ewro, mhux daqstant minhabba n-natura ta'l-istess izda ghar-raguni illi l-*quantum* taghha, fil-fehma tal-appellant, kellu jigi mitigat bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,  liema disposizzoni tal-ligi l-Ewwel Qorti naqqset milli

tapplika. L-appellant huwa tal-fehma illi l-kwe żiti mehtiega sabiex din id-disposizzjoni tal-ligi issib applikazzjoni huma kollha sodisfatti ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma ddikjarat f'ebda stadju illi huwa għandu jibbenefika mill-istess. Jishaq illi huwa ma kellux jigi ppregudikat ghas-semplici raguni illi l-persuna minnu ndikata lill-pulizija bhala traffikant lahaq miet qabel ma gie indagat u imressaq il-Qorti. Jinghad, izda, illi l-appellant xortawahda wera riluttanza illi jixhed fil-qorti kontra nies ohra minnu ndikati fl-eventwalita' li jittieħdu proċeduri kontrihom.

L-appellant jishaq illi kienu il-pulizija li kaxkru saqajhom sabiex imexxu bl-investigazzjonijiet kontra l-persuna minnu ndikata li kien jissuplixxielu d-droga, liema persuna laħqet mietet ftit ġimgħat wara li l-appellant ġie nvestigat. Dan ghalhekk ma ghandux iservi ta' pregudizzju ghalih. Illi *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghal dan l-aggravju marbut mal-applikazzjoni tal-artikolu 29 fil-konfront tieghu, l-appellant xortawahda huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena peress illi din kienet l-unika mputazzjoni tad-droga qatt miġjuba kontra tiegħu u llum il-ġurnata hu rriforma ruħu kif ġie kkonfermat ukoll mill-professjonisti li segwewh tul is-snin.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti jirriżulta illi nhar it-30 ta' Novembru 2014, l-appellant gie intercettat mill-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga jittraffika xi sustanzi illeciti fl-istabbiliment bl-isem Clique gewwa Paceville. Meta saret tfittxija fuq il-persuna tieghu nstabu diversi sustanzi suspettati li kienu droga fosthom wiehed u tmenin (81) pillola x'aktarx *Ecstasy*, ghoxrin (20) pakkett konsistenti minn trab abjad suspettat kokajina kif ukoll l-ammont ta' €1125 fi flus kontanti. L-appellant ġie arrestat fejn ittieħditlu stqarrija mill-Ufficjal Investigattiv, l-Ispettur Malcolm Bondin, matul liema stqarrija l-appellant ikkonferma illi l-oġġetti suspettuži misjuba fuqu kienu kollha droga llegali, u li huwa kellu l-intenzjoni jghaddiehom lil terzi. Meta jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant jirreferi ghas-*supplier* tieghu bħala certu 'Jeffrey', izda ma jaghti ebda indikazzjoni ohra. Illi ghalkemm l-appellant jikkontendi illi huwa indika lil din il-persuna lil pulizija meta gie

arrestat, liema persuna izda ftit wara mietet, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda kategorikament mill-uffiċjal prosekutur.

Illi minn daqqa t'ghajn lejn l-istqarrija rrilaxxjata mill-appellant *a tempo vergine*, ghalkemm huwa jagħti ħafna nformazzjoni fl-istess, madanakollu jonqos milli jindika l-isem tal-persuna jew persuni li minn ghandhom huwa kien jakkwista d-droga. Jidher illi l-appellant iddeċieda li jsemmi lil persuna kkonċernata biss u unikament wara li dan miet, kuntrarjament ghal dak mistqarr minnu illi huwa kien ghadda din l-informazzjoni lil pulizija qabel. Tant hu hekk illi huwa dejjem baqa' jsostni illi ma xtaqx jixhed kontra xi persuni oħra, li baqghu hajjin, u li allura baqa' ma ndikahomx b'isimhom, lanqas quddiem l-Ewwel Qorti, għax beża mir-riperkussjonijiet. Illli anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha temmen lill-appellant illi huwa forna l-isem ta' dan 'Jeffrey' lil pulizija qabel dan miet, xortawahda tali informazzjoni ma wasslitx sabiex ebda persuna tressqet il-Qorti abbazi ta'l-istess. Dan ghaliex l-informazzjoni kif mogħtija kienet jew insuffiċjenti jew intempestiva.

Illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli wkoll għall-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqra testwalment:

> **"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."**

Illi skond it-taghlim ġurisprudenzjali tal-qrati taghna tul iz-zmien, inkluż dik li ghaliha saret referenza mill-Ewwel Qorti, li mhux ser tiġi kollha riprodotta f'din is-sentenza a skans ta' ripetizzjoni, din id-disposizzjoni tal-ligi ġiet interpretata fis-sens illi:

> **"L-espressjoni "ghenet ... biex taqbad lil persuna jew lil persuni" ("has helped ... to apprehend the person or persons", fit-test Ingliz) tfisser mhux semplicement li l-hati jkun indika lil xi persuna jew persuni bhala l-persuna jew persuni li pprovdewlu d-**

**droga, izda li tali indikazzjoni tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti, dak pero`, li jkun ipprovdielu d-droga.... Ghalhekk stante li l-kooperazzjoni ta' l-appellant John Sultana ma wasslitx biex "tinqabad" il-persuna li "pprovdietlu" d-droga, u anke kieku identifika xi hadd minn fuq l-identikits kien ghad jonqos li l-Pulizija "taqbad" lill-persuna koncernata, l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli fil-konfront tieghu. [1]**

Bl-istess mod fis-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Karmel Kurucu[2] il-Qorti tal-Appell fis-Sede Superjuri rriteniet is-segwenti:

**It is clear that the law is here considering two situations. The first occurs when the prosecution itself declares in the records of the case that the person who is requesting the application of section 29 has helped the Police to apprehend the person or persons who had supplied him with the drug. The second situation arises when, in the absence of such a declaration by the prosecution, the accused proves to the satisfaction of the Court that he has so helped the Police. So that a person may benefit from the reduction in punishment contemplated in section 29, it is therefore not enough that he mentions the supplier. It has to result that, through such information, the accused has effectively helped the Police to apprehend the supplier. If, notwithstanding such information, the Police did not have sufficient evidence to charge the person mentioned in Court, or if the person mentioned had already been apprehended by the Police before the accused mentioned him, it cannot then be said that the accused helped the Police to apprehend the supplier. Otherwise one could envisage situations where, in order that a person may benefit from a reduction in punishment, he might mention the names of persons who might be innocent, or the names of persons he might know to have already been apprehended in connection with dealing in drugs, or provide false or erroneous indications. [3]**

Illi d-dicitura tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda cara u ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni hlief ghal dak hemmhekk imfisser. Illi meta l-legislatur fassal din id-disposizzjoni tal-ligi

[1]Repubblika ta' Malta vs Joseph Borg et, deċiża nhar it-3 ta' Frar 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sede Superjuri, Ref. 8/2004.
[2] Deċiża nhar l-14 ta' Ġunju 2007 Ref. 18/2006.
[3] Ara wkoll ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine Debattista, 19 ta' Jannar 2006; Il-Pulizija v. Dennis Cuschieri, 7 ta' Jannar 1999; Il-Pulizija v. Sandro Mifsud, 2 ta' Awwissu 1999; u Il-Pulizija v. Philippa sive Filippa Chircop, 2 ta' Marzu 2007.

permezz tal-Att VIII tal-1986 (liema disposizzjoni tal-ligi qatt ma giet emendata) jidher illi t-temperament fil-piena, billi jsir it-tnaqqis permezz ta' grad jew tnejn, kellu jsehh jew meta l-prosekuzzjoni tkun ghamlet dikjarazzjoni fl-atti fis-sens illi l-persuna akkuzata tkun ghenet lil pulizija biex taqbad lil persuna jew persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina/droga, jew inkella meta fid-diskrezzjoni tal-Qorti, minn dak li jirrizultalha mill-provi in atti, jidrilha li l-akkuzat jkun ghen lil pulizija f'dan is-sens, liema assistenza m'għandiex tkun limitata biss għall-indikazzjoni ta' isem tal-persuna li tissupplixxi d-droga, iżda l-nformazzjoni pprovduta trid tkun tali illi tassisti lill-pulizija sabiex tarresta u ggib 'il quddiem il-prosekuzzjoni tal-individwu hekk indikat.

Issa fil-każ odjern u wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha, jidhrilha illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi l-artikolu 29 ma japplikax għall-każ in eżami, billi dak mahsub f'din id-disposizzjoni tal-ligi ma sehhx meta la nqabbdet ebda persuna involuta fic-cirku kriminuz li l-appellant kien jagheml parti minnu u wisq anqas allura din spiccat f'xi prosekuzzjoni quddiem il-qrati. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost mill-appellant dwar il-piena mposta fuqu, li fil-fehma tieghu għandha tigi ttemperata minn din il-Qorti u dan għar-raġunijiet minnu ndikati fir-rikors tal-appell, fosthom illi huwa rriforma hajjtu u gheleb l-vizzju tad-droga.

Illi jibda biex jingħad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' għoxrin xahar priġunerija u multa ta' €1800 tinsab fil-parametri tal-piena mahsuba fil-liġi, u cioe' dik tal-priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87). Din il-piena tiżdied bi grad fejn allura l-minimu iwassal għal dak ta' seba' xhur b'massimu ta' tnax-il sena priġunerija u dan

fid-dawl tal-aggravanti tal-mitt metru fit-termini tal-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli wkoll ghal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, li tieghu l-appellant gie misjub hati.[4]

Illi ghalkemm, kif inghad, l-Ewwel Qorti, gustament ma applikatx id-dettami tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 fil-konfront tal-appellant, madanakollu ħadet kont tal-fatturi mitiganti, inkluż ir-riforma fil-hajja ta'l-appellant w ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u n-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu fejn l-appellant gie akkuzat bil-pussess ta' kwantita ta' droga u stupefacenti lesti ghall-ispacc, liema kunsiderazzjonijiet din il-Qorti qed tagħmel tagħha wkoll. Illi madankollu mix-xhieda ta'l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard, illi xehdet mill-ġdid quddiem din il-Qorti, jidher illi l-appellant baqa' fuq it-triq it-tajba u ghandu l-ghajnuna u s-support tas-sieħba u l-familja tiegħu. Fid-dawl ta' dan l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant jixraqlu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena anki fid-dawl tal-fatt illi skond il-fedina penali aġġornata tal-appellant, li mhijiex waħda nadifa, ma jidhirx illi l-appellant kellu preċedenti jew każijiet oħra wara dan il-kaz relatati mal-abbuż jew mat-traffikar tad-droga.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' *in parte* l-appell interpost, tghaddi ghalhekk sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant hati tal-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu, tvarja il-piena inflitta u minflok tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' hmistax-il xahar (15) priġunerija u multa ta' elf Ewro (€1000). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

[4] Artikolu 140A (2)(b) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.